MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1241/2002

**Cassar Ship Repair Limited**

**Vs**

**M/V Northella**

## Il-Qorti.

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettit illi hija depozitarja tal-bastiment konvenut li baqa’ mholli ghandha ghall-kustodja, kura u preservazzjoni, wara li ma giex realizzat progett ta’ produzzjoni ta’ *film* li kellha tipproduci s-socjeta’ Dutch Film Unit BV proprjetarja tal-istess bastiment, u dan b’rati ta’ hlas prestabbiliti.

Premess illi l-bastiment konvenut baqa' qatt ma hallas ir-rati dovuti li baqghu m'hux imhallas sal-lum, u issa l-imsemmija socjeta' proprjetarja qieghda fi stadju ta' likwidazzjoni.

Premess illi sat-18 ta' Settembru 2002, il-bastiment konvenut gie ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u tmenin elf sitt mija u sittax il-lira Maltija (Lm81,616), kif jidher minn *statement* hawn anness u markat dokument A, salvi rati ohra li jiskadu wara din id-data.

Premess illi din is-somma ta' Lm81,616 hekk dovuta baqghet ma gietx imhallsa nonostante *statements* mibghuta perjodikament u interpellazzjonijiet ohra ghal hlas.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu, u dovut u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-konvenut m'ghandux ikollu eccezzjonijiet x'jaghti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' wiehed u tmenin elf sitt mija u sittax il-lira Maltija (Lm81,616) ghar-ragunijiet fuq ukoll imsemmija ; u

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond id-dispost tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali *a scaletta* sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenut u salvi rati ohra li jiskadu wara d-data tat-18 ta' Settembru 2002.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-procedura li s-socjeta' attrici intavolat fil-konfront tal-konvenut hija dik *'actio in rem'*, liema procedura titlob li jkun jezisti wiehed mir-rekwiziti elenkati fil-ligijiet – Vice Admiralty Court Act, 1840 jew Admiralty Court Act, 1861, liema rekwizit ma jezistiex f'dan il-kaz u ghaldaqstant l-procedura ta' *'actio in rem'* fil-kawza odierna hija inkorretta u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bastiment Mv Northella ma huwiex responsabbli ghat-talbiet tal-attur ghar-raguni li s-socjeta' estera Dutch Film Unit BV, sid il-bastiment, qatt ma dahlet f'ebda ftehim mas-socjeta' attrici u qatt ma kkuntrattat servizz mas-socjeta' attrici. Is-socjeta' li ftehim mas-socjeta' attrici kienet Ocean Warrior BV, socjeta li kriet il-bastiment Mv Northella minghand Dutch Film Unit BV sabiex tahdem film hawm Malta, ghaldaqstant il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

3. Illi, bla pregudizzju ghal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, jekk il-Qorti tikkunkludi li l-konvenut huwa l-legittimu kontradittur, s-socjeta' attrici ma pprovdietx dawk is-servizzi li kellha tipprovdi skond l-ftehim bejnha u bejn is-socjeta' Ocean warrior BV, li ghalih qed titlob il-hlas.

4. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, anki l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa eccessiv u mhux dovut mill-konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti a fol 9 u 48;

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-28 ta' Mejju, 2003;

Rat in-nota a fol 41;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed li kien sar il-ftehim indikat a fol 33 tal-process li gie accettat mill-konvenuti u x-xoghol mitlub kien sar u hareg statement Dok A a fol 4 tal-process.

Fil-mertu l-konvenuti ma kkontestawx dana l-ammont.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**DECIZJONI**

Il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici
bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u l-ispejjez kontra l-konvenuti,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------